

Lista ta' entitajiet taħt superviżjoni

Data tal-għeluq għal deċiżjonijiet fuq is-sinifikanza: 15 ta' Novembru 2016

Għadd ta' entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni: 127

Il-BĊE għamel l-evalwazzjoni annwali tiegħu fuq is-sinifikanza skont l-Artikolu 6(4) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 (ir-Regolament MSU)¹ u l-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/17)² (ir-Regolament Qafas tal-MSU). Wara din l-evalwazzjoni, il-lista l-ġdida li fiha l-isem ta' kull entità³ u ta' kull grupp⁴ taħt is-superviżjoni diretta tal-BĊE (“entità sinifikanti taħt superviżjoni” u “grupp sinifikanti taħt superviżjoni”, kif definiti fl-Artikolu 2, punti (16) u (22) tar-Regolament Qafas tal-MSU⁵). Il-lista tindika wkoll il-pajjiż fejn huma stabbiliti l-entitajiet u r-raġunijiet speċifiċi għas-sinifikanza.⁶

Barra minn hekk, il-lista fiha wkoll entitajiet taħt is-superviżjoni ta' awtorità nazzjonali kompetenti. Il-lista ta' dawn l-entitajiet tinġabar abbażi tad-dejta u l-informazzjoni mibgħuta mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Skont l-Artikolu 49(2) tar-Regolament Qafas tal-MSU, il-lista fiha l-ismijiet tal-entitajiet taħt superviżjoni li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 2, punt (20)⁷ u fl-Artikolu 2,

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63).

² Ir-Regolament (UE) Nru 468/2014 tas-16 ta' April 2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew li jstabbilixxi l-qafas għal kooperazzjoni fi ħdan il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u ma' awtoritajiet nazzjonali nominati (BĊE/2014/17) (ĠU L 141, 14.5.2014, p. 1).

³ “Entità taħt superviżjoni” tfisser waħda minn dawn li ġejjin: (a) istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fi Stat Membru parteċipanti; (b) kumpanija azzjonarja (*holding*) finanzjarja stabbilita fi Stat Membru parteċipanti; (c) kumpanija azzjonarja (*holding*) finanzjarja mħallta stabbilita fi Stat Membru parteċipanti, sakemm tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2, punt (21)(b) tar-Regolament Qafas tal-MSU; (d) fergħa stabbilita fi Stat Membru parteċipanti minn istituzzjoni ta' kreditu li tkun stabbilita fi Stat Membru mhux parteċipanti.

⁴ Skont id-definizzjoni li tinsab fl-Artikolu 2, punt (21) tar-Regolament Qafas tal-MSU.

⁵ “Entità sinifikanti taħt superviżjoni” tfisser kemm (a) entità sinifikanti taħt superviżjoni fi Stat Membru taż-żona tal-euro; kif ukoll (b) entità sinifikanti taħt superviżjoni fi Stat Membru parteċipanti barra ż-żona tal-euro. “Grupp sinifikanti taħt superviżjoni” tfisser grupp taħt superviżjoni li għandu l-istatus ta' grupp sinifikanti taħt superviżjoni skont deċiżjoni tal-BĊE abbażi tal-Artikolu 6(4) jew l-Artikolu 6(5)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63) (ir-Regolament MSU).

⁶ Fil-każ ta' “gruppi sinifikanti taħt superviżjoni”, din il-lista ma sservix biex tirreġistra l-istruttura sħiħa ta' grupp.

⁷ Ara n-nota 3 iżjed 'il fuq.



BANK ĊENTRALI EWROPEW
SUPERVIŻJONI BANKARJA

punt (7)⁸ tar-Regolament Qafas tal-MSU, imsemmijin bħala “istituzzjonijiet inqas sinifikanti” skont l-Artikolu 6(4) tar-Regolament MSU, kif ukoll l-isem tal-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti.

L-ismijiet immarkati bi (§) jirreferu għal entitajiet taħt superviżjoni li għadhom kemm ġew identifikati bħala sinifikanti fl-aħħar evalwazzjoni annwali fuq is-sinifikanza; is-superviżjoni diretta ta’ dawn l-entitajiet tibda fl-1 ta’ Jannar 2017.

L-ismijiet immarkati bi (‡) jirreferu għal entitajiet taħt superviżjoni li huma sussidjarji ta’ istituzzjoni sinifikanti fi Stat Membru ieħor u li huma wkoll fost l-ikbar tliet istituzzjonijiet ta’ kreditu fl-Istat Membru ta’ domiċilju.

L-ismijiet immarkati bi (*) jirreferu għal entitajiet taħt superviżjoni li, għalkemm jissodisfaw wieħed mill-kriterji tar-Regolament MSU u għalhekk jikkwalifikaw bħala sinifikanti, ġew madankollu klassifikati mill-BĊE bħala inqas sinifikanti minħabba ċirkostanzi partikolari skont ir-Regolament Qafas tal-MSU.

⁸ “Entità inqas sinifikanti taħt superviżjoni” tfisser kemm (a) entità inqas sinifikanti taħt superviżjoni fi Stat Membru taż-żona tal-euro; kif ukoll (b) entità inqas sinifikanti taħt superviżjoni fi Stat Membru barra ż-żona tal-euro li jkun Stat Membru parteċipanti.